PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0216(COD)

16.7.2008

EMENDI TA' KOMPROMESS 1-4

Abbozz ta' rapport
Carlos Coelho
(PE405.718v01-00)

dwar il-proposta għal regolament li jemenda r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri

Proposta għal regolament – att li jemenda
(COM(2007)0619 – C6-0359/2007 – 2007/0216(COD))

AM_Com_LegCompr

Emenda 1
Carlos Coelho
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 4 u 21

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 2252/2004
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:	(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 ***għandu*** jinbidel b'dan li ġej:
"1. Il-passaporti u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati *membri* għandhom ikunu konformi ma' l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fl-Anness.	"1. Il-passaporti u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati *Membri* għandhom ikunu konformi ma' l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fl-Anness.
Dawn għandhom jinħarġu bħala dokumenti individwali."	Dawn għandhom jinħarġu bħala dokumenti individwali."
	Il-passaporti maħruġa għall-minorenni għandhom jinkludu taqsima speċjali li tinkludi l-isem tal-persuna/i li għandha/għandhom ir-responsabilità ta' ġenitur fuq it-tifel/tifla.
	Sabiex tifel/tifla jivvjaġġa/tivvjaġġa barra mill-UE ma' persuna li isimha ma jkunx imniżżel fil-passaport tiegħu/tagħha, dik il-persuna għandha tipprovdi awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija mill-persuna li għandha r-responsabilità ta' ġenitur għat-tifel/tifla li tawtorizza lil dik il-persuna biex tivvjaġġa mat-tifel/tifla fuq vjaġġ partikulari."

Or. en

Emenda 2
Carlos Coelho
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 9 u 26

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – Punt 2 c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 2252/2004
Artikolu 1 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 1b:
	"Artikolu 1b
	1. Aċċess għad-dejta bijometrika miġbura għall-iskop ta' ħruġ ta' passaporti jew ta' dokumenti għall-ivvjaġġar għandu jkun limitat:
	(a) għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ħruġ ta' passaporti jew ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar; u
	(b) għas-servizzi nazzjonali responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri kif notifikat fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)
	2. Il-metodu ta' ħażna ta' l-informazzjoni jista' jkun użat biss: ***(a) mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ħruġ ta' passaporti jew ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar għall-iskop ta' qari, ta' ħażna, ta' modifika u ta' tħassir ta' dejta; u***
	(b) mis-servizzi nazzjonali responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri kif notifikat fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) għall-iskop tal-qari tad-dejta.
	3. Id-dejta bijometrika m'għandhiex sussegwentement tiġi ttrasferita lil awtoritajiet oħra barra l-awtoritajiet kompetenti jew lil pajjiżi terzi."
	Or. en

Emenda 3
Carlos Coelho
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 14 u 26

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 - punt 2 h (ġdid)
Regolament (KE) Nru 2252/2004
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2h) L-Artikolu 4(3) għandu jinbidel b'dan li ġej:
	"3. La darba l-passaporti jew id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ikunu nħarġu, id-dejta bijometrika miġbura għal dak l-iskop* għandha tintuża *esklussivament għall-iskop ta' kontrol tal-fruntieri u biss għall-verifika:
	(a) ta' l-awtentiċità tad-dokument;
	(b) ta' l-identità tad-detentur permezz ta' karatteristiċi komparabbli disponibbli direttament meta l-passaport jew dokumenti ta' l-ivvjaġġar oħra jridu jiġu ppreżentati *skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru562/2006 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).*
	Id-dejta bijometrika għandha tinżamm biss f'mezz ta' ħażna u m'għandhiex tinżamm f'bażi ta' dejta ċentrali."

Or. en

Emenda 4
Carlos Coelho
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 17 u 27

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2 k (ġdid)
Regolament (KE) Nru 2252/2004
Artikolu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2k) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 5a:
	"Artikolu 5a
	Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jemenda, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi:
	(i) studju fuq skala kbira u ddettaljat imwettaq minn awtorità indipendenti, li għandu jeżamina l-affidabilità u l-fattibilità teknika, permezz ukoll ta' evalwazzjoni tal-preċiżjoni tas-sistemi attwali, ta' l-użu tal-marki tas-swaba' tat-tfal taħt l-età ta' 14-il sena għal skopijiet ta' identifikazzjoni u verifikazzjoni;
	(ii) analiżi tal-bżonn ta' regoli komuni dwar il-mod li bih id-dokumenti li jridu jkunu ppreżentati sabiex wieħed jikseb passaport jew dokument ta' l-ivvjaġġar (l-hekk imsejħa "breeder documents") jiġu prodotti u liema minnhom huma meħtieġa għall-passaport jew għad-dokument ta' l-ivvjaġġar;
	(iii) studju li jqabbel ir-rati ta' ċaħdiet foloz li jseħħu f'kull Stat Membru u – fuq il-bażi tar-riżultati ta' dan l-istudju – analiżi dwar il-bżonn ta' regoli komuni dwar il-proċess ta' tqabbil.
	Jekk ikun meħtieġ, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti biex dan ir-Regolament jiġi adattat."
	Or. en